MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2009

Numru. 827/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Carmel Deguara**

Kumpilazzjoni Nru: 827/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Carmel Deguara** ta’ 41 sena, bin Emanuel u Anna nee’ Cachia, imwieled ir-Rabat fit-3 ta’ Frar 1968, u li joqghod f’ Numru 45, Il-Wejla, Triq il-Friefet, Marsaskala, detentur tal-Karta ta’l-Identita’ bin-numru 98168M.

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’ Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

a. fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficcjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalih int ma kellux jedd;
b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficcjal jew impjegat pubbliku, minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu, kien sar id-depozitarji ta’ sigriet li kien gie fdat lilu, kixef dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligah jgharrafhom lil awtorità pubblika;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat l-artikoli 18, 115(b), 119, 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum 9 ta’ Settembru 2009 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat odjern jinkwadraw ruhhom f'kaz ferm aktar wiesa' u li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm proceduri penali pendenti.

Illi l-involviment ta' kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta' imputazzjonijet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta'l-agir kriminuz da parti ta' kull wiehed mill-persuni involuti f'dan il-kaz.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat huwa ufficjal fid-dipartiment tat-Taxxa Dwar Valur Mizjud; mill-atti jirrizulta li huwa kixef informazzjoni kunfidenzjali u li accetta flus biex jaghmel xogholu pero ma jirrilzultax li huwa altera records tad-dipartiment jew li approva jew awtorizza hlas ta' refunds li ma kienux dovuta.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ikkollabora ma'l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss f'l-istqarrija imma anke f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 115(b), 119, 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li b'appikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin u ghal multa ta' erbgha mija u hamsin Euro (Euro 450) li ghandha tithallas fi zmien tlett xhur. In oltre il-Qorti qed tordna fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f'perjodu ta' erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------